# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju 2018**

**Numru 4**

**Rikors numru 71/16 AF**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvio Zammit**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-Avukat Generali [l-appellant] mis-sentenza moghtija fis-26 ta' April 2018 [is-sentenza appellata] mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:-

> "… … … filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Silvio Zammit fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) bħala Qorti Istruttorja, senjatament illi qiegħed jiġi lez id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fil-11 ta' Lulju 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Silvio Zammit kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema ksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit."

## Mertu

2. L-ilment ta' Silvio Zammit [l-appellat] dwar il-ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni], liema lment wassal ghar-referenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja [il-Qorti referenti] lill-ewwel Qorti permezz ta' digriet moghti fil-11 ta' Lulju 2016, jinsab imsejjes fuq id-dewmien allegatament ingustifikat li qed jigi kkawzat fil-proceduri ghall-kumpilazzjoni tax-xhieda kontra l-istess rikorrent quddiem il-Qorti referenti, b'rizultat tal-insistenza tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahhar xhud li jonqosha, certu Inge Delfosse, minkejja li jirrizulta li din ix-xhud oltre li tirrisjedi barra minn Malta, qieghda tirrifjuta li tixhed fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Il-Qorti referenti fasslet hekk it-termini tar-referenza lill-ewwel Qorti, li giet mitluba tghid:-

> “Jekk il-fatt illi dawn il-proċeduri qed jitwalu minħabba li x-xhud Inge Delfosse, li hi l-uniku xhud li fadal tal-Prosekuzzjoni, ma tridx tixhed f’dawn il-proċeduri għax hemm il-possibilita li tinkrimina ruħha u minħabba f’hekk l-Avukat Ġenerali, ma jistax joħroġ l-Att tal-Akkuża mingħajr ix-xhieda ta’ din ix-xhud, bil-konsegwenza li din il-kawża ma tistax titkompla u tintemm skont il-liġi, jilleddix id-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.”

3. Fid-difiza tieghu, l-Avukat Generali strah fuq il-principju generali assodat in materja li biex tinstab vjolazzjoni tal-jedd ghas-smigh xieraq taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita` tieghu u billi f’dan il-kaz il-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti ghadhom mhux konkluzi, ir-referenza hija intempestiva. Fil-mertu jikkontendi li d-decizjoni tieghu li jressaq din ix-xhud ma jwassalx ghal dewmien irragonevoli ghaliex din id-decizjoni ttiehdet fl-interess tal-gustizzja li tigi intralcjata jekk ikun hemm ghaggla zejda. L-Avukat Generali eccepixxa wkoll li t-trapass ta’ erba’ snin ma jsarrafx f’dewmien irragonevoli, mehud qies ukoll tal-komplessita` tal-kaz fejn diversi xhieda li tressqu mill-prosekuzzjoni gew mill-esteru sabiex jixhdu u ohrajn xehdu permezz ta’ link awdjo-viziv, kif ukoll tal-fatt li meta kien l-appellat innifsu li pprovoka d-dewmien meta ghamel rapport lill-Pulizija Belgjana kontra l-istess xhud Inge Delfosse.

**Is-Sentenza Appellata**

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li, ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, qeghdin jigu hawn riprodotti safejn huma relevanti:-

> "Ikkunsidrat illi r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar allegat leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex l-Avukat Ġenerali għadu ma ddikjarax il-provi tiegħu magħluqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit, minkejja li l-uniku xhud li għad jonqsu jressaq bhala prova, Inge Delfosse, qiegħda tirrifjuta li tixhed.
>
> "Il-fatti li taw lok għal din ir-referenza mhumiex kontestati. Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'Diċembru tal-2012. Il-kumpilazzjoni tal-provi li dwarhom tressaq taħt arrest ghada ma nghalqitx, anzi għadha fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni u ilha hekk għall-aktar minn ħames snin. Il-prosekuzzjoni għadha ma ddikjaratx il-provi tagħha magħluqa għaliex jonqos li tressaq dan ix-xhud wieħed, Inge Delfosse, li tirrisjedi barra minn Malta u qiegħda tirrifjuta li tixhed allegatament sabiex ma tinkriminax ruħha. Ir-rikorrent jikkontendi li dan id-dewmien sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara l-provi tagħha magħluqa qiegħed iwassal għal dewmien mingħajr bżonn fil-proċeduri kriminali pendenti kontrih b'mod illi qiegħed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti independenti u imparzjali fi żmien raġjonevoli a tenur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> "Din ir-referenza qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk jimporta li l-Qorti riferenti, f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, qieset li tagħmel ir-referenza wara li waslet għall-konklużjoni li t-talba tar-rikorrent ma kinitx waħda frivola jew vessatorja.
>
> "… … … omissis … … …
>
> "Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat Ġenerali jgħid illi din ir-referenza hija intempestiva peress illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma ġewx konklużi.
>
> "Il-Qorti tirrileva li filwaqt illi huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kemm f'dik tal-Qrati tagħna li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-

totalità tagħha,[1] kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, deċiż fil-11 ta' April 2011, jista' jaghti l-kaz li episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-Qorti tistenna sakemm jintemm il-każ.

"… … … omissis … … …

"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti ssib illi sabiex jiġi determinat jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, m'huwiex neċessarju li jiġu fi tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. L-ilment tal-lum jikkonċerna l-fatt illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, il-kumpilazzjoni tinsab effettivament wieqfa għaliex l-Avukat Ġenerali għadu ma ressaqx l-aħħar xhud li għad jonqsu sabiex ikun f'posizzjoni jagħlaq il-provi tiegħu. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tistenna sakemm il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent jiġu fit-tmiemhom sabiex tikkunsidra jekk dan id-dewmien quddiem il-Qorti riferenti huwiex jew x'aktarx ser iwassal għal-leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens qiegħda tiġi miċħuda.

"Imiss issa li jiġi kkunsidrat il-mertu l-ilment tar-rikorrent li ġie leż il-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Għalkemm il-Qorti riferenti ssemmi wkoll it-tielet sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma ġiex speċifikat taħt liema paragrafu ta' dan is-sub inċiż qiegħda ssir din ir-referenza. Il-Qorti tinnota li fl-ebda stadju matul il-proċeduri quddiemha ma saret referenza mill-partijiet għall-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, liema sub inċiż il-Qorti tqis huwa irrelevanti għal finijiet tal-ilment tal-lum. Għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tqis l-ilment tal-lum taħt l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

"… … … omissis … … …

"Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, il-Qorti eżaminat il-verbali meħuda mill-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit. Il-Qorti sejra minn issa tiċċara li t-termini tar-referenza huma limitati għar-rigward tad-dewmien sabiex titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ix-xhud Inge Delfosse u mhux it-tul li qiegħda tieħu l-kumpilazzjoni tax-xhieda fl-intier tagħha.

"Jirriżulta li sad-data meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għamlet ir-referenza lil din il-Qorti saru sebgħa u tletin

[1] **Darren Aquilina vs Onor Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dimech vs Malta** deċiża fit-2 ta' April 2015 fost oħrajn.

seduta. Ma sar xejn waqt sittax-il seduta li minnhom waħda biss kienet imputabbli għar-rikorrent.

"Mill-verbali tas-seduti li saru quddiem il-Qorti riferenti jirriżulta li fl-14 ta' Jannar 2016 xehdet l-aħħar xhud tal-prosekuzzjoni apparti Inge Delfosse. Wara din is-seduta saru tlett seduti oħra fejn ma sar xejn. Imbagħad, permezz ta' rikors datat 1 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrent għamel talba lill-Qorti riferenti għal referenza kostituzzjonali lil din il-Qorti.

"… … … omissis … … …

"Minkejja li quddiem il-Qorti riferenti l-Avukat Ġenerali obbliga ruħu li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tittieħed id-deposizzjoni tax-xhud li għad jonqos, sal-ġurnata tal-lum, u ċioè sentejn wara li sar dan il-verbal, jidher li ma sar l-ebda progress u l-Avukat Ġenerali għadu jinsisti li titressaq din ix-xhud minkejja ż-żmien twil li għadda li matulu jidher li għadu ma sabx mezz sabiex jottjeni d-deposizzjoni tagħha.

"Filwaqt illi huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja hija prekluża milli tiddikjara magħluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, dan ma jfissirx illi l-istess prosekuzzjoni tista' tabbuża mill-iter proċesswali. Bla dubju, xejn ma jista' jwarrab il-fatt illi l-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti riferenti ilha għaddejja aktar minn ħames snin. Għalkemm huwa assodat in materja ta' dewmien għall-finijiet tal-artikolu 6 li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak it-tul ta' żmien ukoll jitqies li huwa raġjonevoli, bħal meta l-każ ikun komplikat u jkun jeħtieġ investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta' ħafna xiehda, fil-każ tal-lum ma tressqet l-ebda prova li d-dewmien sabiex titressaq l-aħħar xhud huwa kawża ta' xi wieħed minn dawn il-fatturi.

"Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrent ikkontribwixxa għad-dewmien fil-ġbir tal-provi fil-kumpilazzjoni. Huwa inaccettabbli l-argument tal-Avukat Ġenerali li għall-fatt li Inge Delfosse ma tridx tixhed jaħti b'xi mod ir-rikorrent li mar il-Belġju u għamel rapport kontriha mal-pulizija ta' hemmhekk. Dan b'żieda mal-fatt illi ma ġietx kontestata x-xhieda tal-Avukat Edward Gatt li spjega kif Inge Delfosse kienet diġà ddikjarat li ma tridx tixhed qabel ma sar ir-rapport mal-pulizija Belġjana. Lanqas ma huwa tajjeb l-argument illi r-rikorrent qiegħed jikkawża d-dewmien hu għaliex talab din ir-referenza kostituzzjonali. Quddiem din il-Qorti l-Avukat Ġenerali naqas milli jġib prova li huwa jinsab f'posizzjoni llum li jressaq l-aħħar xhud tiegħu jew jagħlaq il-provi fil-kumpilazzjoni.

"Din il-Qorti tqis illi kien jinkombi fuq l-Avukat Ġenerali, jekk dehrlu li kellu jirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrent li għad-dewmien fil-proċeduri kriminali jaħti hu, biex iressaq provi sodisfaċjenti biex juri li d-dewmien ma kienx attribwibbli lilu u li hu għamel dak mistenni minnu sabiex

titressaq u tixhed l-aħħar xhud li jonqosha l-prosekuzzjoni jew ghall-anqas jiġġustifika n-nuqqas ta' progress f'dal-aħħar snin.

"Aġir li jirrispetta l-garanziji ta' smigħ xieraq fit-termini tal-artikolu 6 Konvenzjoni Ewropea ma jibqax konformi mad-dettami ta' smigħ xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal għal dewmien mhux raġjonevoli fid-determinazzjoni tal-proċess ġudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkużat.

"Huwa minnu li kien hemm numru sostanzjali ta' xhieda li tressqu, imma meta wieħed iqis li l-każ beda jinstema' f'Diċembru tal-2012 u l-prosekuzzjoni għadha sal-lum m'għalqitx il-provi taghha minħabba li mhijiex f'posizzjoni tressaq lil Inge Delfosse sabiex tixhed, ma jistax ħlief iwassal lill-Qorti għall-konkluzjoni li dan huwa żmien twil iżżejjed u ċertament mhux raġjonevoli sabiex jiġu konklużi dawn il-provi.

"L-Avukat Ġenerali baqa' sieket dwar x'beħsibu jagħmel sabiex jara li mill-aktar fis possibli jressaq l-aħħar xhud li għad jonqosha l-prosekuzzjoni, xhud li huwa tant iqis bħala kruċjali li qiegħed jirreżisti li jagħlaq il-provi tiegħu sabiex il-kumpilazzjoni tax-xhieda tkun tista' tkompli u tiġi konkluża. Il-Qorti hija perplessa kif l-Avukat Ġenerali ma spjegax għalfejn ma għamilx użu mill-għodod legali disponibbli għalih bħal ma hija l-ittra rogatorja jew il-provvedimenti tal-Att tal-Unjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali. Kien jispetta lill-Avukat Ġenerali sabiex jispjega lil din il-Qorti x'ghandu l-intenzjoni li jagħmel sabiex ikun f'posizzjoni jagħlaq il-provi tiegħu fl-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, partikolarment fid-dawl ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali.

"… … … omissis … … …

"L-Avukat Ġenerali jrid jiddetermina kif ser jipproċedi - jew ser jottjeni d-deposizzjoni tax-xhud li għad jonqsu, malajr u bl-akbar effiċjenza, jew ser ikollu jipprocedi mingħajrha. Il-kumpilazzjoni tax-xhieda ma tistax tibqa' wieqfa indefinittivament bit-tama li xi darba tixhed Inge Delfosse.

"Għalhekk u tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tasal għal konklużjoni li ġie leż d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, liema leżjoni ser tibqa' tissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni tal-aħħar xhud li għad jonqosha mill-aktar fis possibli, jew tipprocedi skond il-ligi mingħajr ma tressaq l-imsemmija xhud.

"Din il-Qorti tħoss li f'dan l-istadju m'għandhiex tkun hi li tiffissa terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq lix-xhud Inge Delfosse jew fin-nuqqas tordna lill-Avukat Ġenerali jipprocedi mingħajr id-deposizzjoni ta' din ix-xhud.

> "… … … omissis … … …
>
> "Għalhekk ser tħalli f'idejn il-Qorti riferenti bħala l-Qorti kompetenti sabiex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar kif għandhom jimxu 'l-quddiem il-proċeduri *de quo*, kif jippreskrivi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret din ir-riferenza."

**L-Appell**

5. L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza fit-3 ta' Mejju 2018, u talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddeciedi illi l-punti mqanqla fir-referenza in kwistjoni huma infondati u tichadhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-parti li pprovokat ir-referenza.

6. L-aggravji tal-appellant jikkonsistu, in succint, fis-segwenti: [i] l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet l-eccezzjoni tal-intempestivita` tal-ilment dwar ksur tad-dritt ghal smigh xieraq; [ii] fil-mertu m'hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u [iii] l-ewwel Qorti ma wegbitx biss dak mitlub lilha mill-Qorti referenti izda marret oltre dak mitlub minnha.

7. Ir-rikorrent wiegeb ghall-appell tal-Avukat Generali b'risposta tal-24 ta' Mejju 2018 fejn ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell tal-Avukat Generali jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

## L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

8. L-Avukat Generali jikkontendi li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad l-eccezzjoni tieghu tal-intempestivita` tal-allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, tikkozza mal-principju assodat li allegazzjoni ta’ lezjoni ta’ dritt ghal smigh xieraq trid tigi ezaminata fl-isfond tal-process kollu li minnu jkun qed isir l-ilment. Filwaqt li jaghmel referenza ghal diversi sentenzi ta’ din il-Qorti f’kazijiet dwar ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, fejn gie enuncjat dan il-principju generali in materja, l-appellant isostni li peress li f’dan il-kaz il-proceduri kontra r-rikorrent ghadhom pendenti, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddetermina l-ilment. Ifisser ulterjorment l-aggravju tieghu billi jghid:-

> “Certament li dan il-principju jissussisti irrispettivament jekk il-kawza kostituzzjonali tinbeda permezz ta’ rikors jew jekk il-kwistjoni tintbaghat fil-forma ta’ referenza (fejn issir analizi rikjesta mill-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni mill-Qorti riferenti.”

9. Ir-rikorrent fir-risposta tieghu isosnti li kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, f’kaz fejn jezistu cirkostanzi partikolari li huma determinanti ghall-process kollu, il-Qorti ma ghandhiex tistenna sakemm jintemm il-process kollu biex tiehu konjizzjoni ta’ lment dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Il-Qorti tosserva li l-argument tal-appellant li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-aspett tad-dewmien irragonevoli fil-proceduri, huwa intempestiv ghaliex il-Qorti trid thalli l-process kollu ghaddej qabel tistharreg u tiddetermina jekk kienx hemm ksur ta' dan id-dritt, huwa fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz manifestament zbaljat. Ghalkemm din il-Qorti tafferma il-principju fuq indikat li wara kollox gie diversi drabi enuncjat u applikat minnha u mill-Qorti Ewropea fil-qafas ta' allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, tqis li meta minn ezami tal-process kompjut jirrizulta li gia` hemm dewmien eccessiv u irragonevoli fil-proceduri, u jkun ukoll evidenti li d-dritt tal-persuna li tallega l-vjolazzjoni jkun qed jigi intralcjat jew x'aktarx ser jigi intralcjat, mhux legalment konsentit li l-qorti tibqa' tistenna sakemm il-process kollu jinghalaq biex tiddeciedi hemmx lezjoni jew le. F'kaz bhal dan, fejn jezistu ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni ta' dan id-dritt, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm il-proceduri jintemmu jew li jigi attwalment vjolat id-dritt invokat biex tiddeciedi dwar l-ilment. Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi**[2]:-

---

[2] Deciza mill-Prim'Awla fl-15 ta' Lulju 2016. Ghalkemm is-sentenza giet riformata minn din il-Qorti b'sentenza tat-13 ta' Frar 2017, ma sarx appell fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad l-eccezzjoni tal-intempestivita`.

> "Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju."

11. Fil-kaz odjern, l-ilment tar-rikorrent jittratta specifkament id-dewmien irragonevoli li qed jiehdu l-proceduri kriminali proprju biex jigu konkluzi, u jekk il-Qorti kellha tistenna' sa tmiem il-proceduri sabiex tiddeciedi jekk hemmx vjolazzjoni ta' dan l-aspett tal-jedd, tkun qieghda tippermetti li tissokta vjolazzjoni ta' jedd fondamentali minflok twaqqaf il-vjolazzjoni li tkun giet riskontrata. Konformament, jinghad illi meta jigi allegat il-ksur tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli mill-ottika tad-dewmien fil-process gudizzjarju, il-principju citat mill-appellant, cioe` li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno tal-lezjoni lamentata jinnecessita ezami tal-procedura gudizzjarja fit-totalita` taghha u mhux ta' episodji proceduralí meqjusa wahedhom, ftit jista' jsib applikazzjoni fil-kaz odjern.

12. Maghdud dan, hemm il-konsiderazzjoni ulterjuri illi din il-Qorti bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tiddeklina li tezercita l-funzjoni kostituzzjonali taghha gialadarba tkun giet mitluba li twiegeb ghat-talba maghmula mill-qorti referenti fit-termini hekk impostati[3]. Kif diga` ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, meta kwistjoni ta' natura kostituzzjonali titqieghed quddiem il-Prim'Awla fil-funzjoni kostituzzjonali taghha mhux direttament permezz ta' rikors tal-parti li tilmenta bil-ksur ta' jedd fondamentali, izda permezz ta' referenza a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-

[3] Ara **Il-Pulizija vs Nelson Arias**, deciza Q.K. 28 ta' Settembru 2012.

Kostituzzjoni, allura la l-ewwel Qorti u wisq anqas din il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeklina li twiegeb ghall-kwezit imqeghda quddiemha, inkluz billi tistenna sakemm il-process kriminali kontra l-appellat jinghalaq qabel twiegeb ghar-referenza[4].

Ghar-ragunijiet premessi l-ewwel Qorti kienet korretta, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, li cahdet l-eccezzjoni tal-intempestivita' u ghaddiet sabiex tezamina l-kaz fuq il-meritu.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

13. L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rravvizat li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Huwa jaqbel illi biex l-ewwel Qorti twiegeb ghall-kwezit riferut lilha dwar jekk hemmx ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli minhabba d-dewmien biex titressaq ix-xhud in kwistjoni, kellha tezamina l-process kollu tal-kumpilazzjoni fl-assjem tieghu u mhux biss il-parti mill-procedura koncernanti x-xhud Inge Delfosse, izda jikkontendi li fl-istharrig li ghamlet l-istess Qorti warrbet kompletament (a) in-natura u/jew kumplessita` tal-kaz (b) l-imgieba processwali tal-partijiet u (c) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u

[4] Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi, *supra*.

kondotti mill-awtorita` gudizzjarja. Skont l-appellant, dawn il-kriterji huma determinanti ghall-qies tad-dewmien fit-tmexxija ta-proceduri quddiem qorti fil-qafas tal-jedd ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

14. Jilmenta ulterjorment illi l-ewwel Qorti ma kienetx korretta li tqis fl-evalwazzjoni tad-dewmien fil-proceduri tal-kumpilazzjoni, iz-zmien li ghadda minn meta saret ir-referenza odjerna u taddebita` dan id-dewmien lilu, ghaliex il-Qorti riferenti sadanittant qieghda tistenna l-ezitu tar-referenza qabel tissokta bil-kumpilazzjoni. L-appellant ikompli jghid li l-kaz kontra r-rikorrent huwa wkoll wiehed ferm kumpless li jinvolvi numru ta' esperti mahtura kif ukoll xhieda li kellhom jigu minn barra minn Malta biex jixhdu dwar ir-reati li jinsab mixli bihom ir-rikorrent, liema reati huma wkoll komplessi fin-natura taghhom.

15. Skont l-appellant, filwaqt li l-ewwel Qorti skartat dawn il-konsiderazzjonijiet, ma qiesitx lanqas illi fil-mument meta saret ir-referenza huwa kien qieghed fil-process li jaghmel il-verifiki tieghu mal-awtoritajiet esteri b' tentattiv li jottjeni informazzjoni dwar ix-xhud Inge Delfosse, liema verifiki ma lahaqx ikkompletahom ghaliex sadanittant saret ir-referenza lill-ewwel Qorti. Jishaq ukoll li fil-proceduri tal-kumpilazzjoni qatt ma ntalbet differiment bla bzonn, is-seduti ntuzaw b'mod preponderanti ghall-produzzjoni tax-xhieda, u m'hemmx prova li d-dewmien huwa wiehed kapriccuz.

16. Ir-rikorrent wiegeb billi jghid li filwaqt li jaqbel mal-principji enuncjati mill-appellant dwar il-kriterji stabbiliti li, skont il-gurisprudenza in materja, ghandhom jitqiesu fid-determinazzjoni dwar jekk hemmx dewmien irragonevoli bi ksur tal-jedd fondamentali tieghu, izid jghid li f'dan il-kaz l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji huma ghal kollox irrelevanti ghaliex "*ir-riferenza stess qatt ma tilmenta minn dewmien tal-proceduri generali izda minhabba "jekk il-fatt li dawn il-proceduri qed jitwalu minhabba li x-xhud Inge Delfosse, li hi l-uniku xhud li fadal tal-prosekuzzjoni, ma tridx tixhed f'dawn il-proceduri …"*

17. L-appellat issottometta ulterjorment is-segwenti rigward it-tieni aggravju tal-appellant:-

> "Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti umilment jissottometti li l-argument tal-Avukat Generali li "l-investigazzjoni tad-dewmien m'ghandhiex issir semplicistikament fit-termini dojoq tal-kawza partikolari izda tali investigazzjoni ghandha ssir f'termini ferm aktar wiesa'", iwassal biss ghal ezercizzju inutile u irrilevanti ghall-iskop tar-referenza kostituzzjonali.
>
> "Illi ghalhekk l-argumenti mressqa dwar il-kumplessita` o meno tal-kaz jew it-tul ta' zmien li s'issa hadet il-kumpilazzjoni mhumiex relevanti ghall-ezsercizzju li l-Ewwel Onorabbli Qorti, u issa din il-Qorti, ghandhom quddiemhom. L-esponent qatt ma allega li l-kumpilazzjoni kienet wahda mhux kumplessa izda dan kien iku rilevanti biss kieku l-esponenti ilmenta minn dewmien tal-kumpilazzjoni b'mod generali."

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

18. Qabel xejn ghandu jinghad illi l-Qorti tqis li huwa korrett l-appellant fl-ewwel aspett tat-tieni aggravju tieghu, fejn sahaq li l-istharrig tal-

ezistenza tal-ksur o meno tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ghar-raguni specifikata fir-referenza, jirrikjedi stharrig li mhux limitat ghad-dewmien arrekat mill-episodju mertu tar-referenza, cioe` id-dewmien biex titressaq ix-xhud Inge Delfosse, izda stharrig tac-cirkostanzi kollha tal-process tal-kumpilazzjoni tax-xhieda. Din il-Qorti zzid tghid li l-evalwazzjoni tal-effett kumulattiv tad-dewmien generali fil-proceduri quddiem il-Qorti riferenti huwa ezercizzju necessarjament preordinat ghad-determinazzjoni tal-kwezit mertu tar-referenza odjerna, cioe` jekk id-dewmien biex titressaq l-ahhar xhud li qed tirrifjuta li tixhed, jilledix id-dritt tar-rikorrent sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

19. Huwa manifest li fil-qafas ta' allegazzjoni dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, id-determinazzjoni dwar jekk hemmx dewmien irragonevoli fil-proceduri b'mod komplessiv, tincidi sostanzjalment fuq il-qies tad-dewmien fil-produzzjoni ta' xhud partikolari. Il-Qorti tqis li huwa inkoncepibbli li l-element tad-dewmien ghall-finijiet tal-jedd fondamentali in dizamina jigi spezzettat f'episodji individwali tal-process billi wiehed janalizza l-element tad-dewmien biss mill-ottika tal-produzzjoni tax-xhud in kwistjoni, *multo magis* meta din hija l-ahhar xhud li jonqos li tressaq il-prosekuzzjoni.

20. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm it-talba fir-referenza hija indirizzata limitatament lejn il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent minhabba d-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni b'rizultat li l-proceduri ma jistghux jintemmu, huwa inevitabbli li l-ksur lamentat, specifiku kemm hu specifiku, jista' jigi mistharreg b'mod siewi ghall-finijiet tat-twegiba li trid taghti l-qorti, biss jekk jigi meqjus ukoll l-isfond tal-proceduri kollha kompjuti s'issa jew talanqas sal-mument meta jitqanqal l-ilment relattiv. Wara kollox, "iz-zmien" ghall-fini li jigi stabbilit hemmx dewmien leziv ghad-dritt tas-smigh xieraq, jibda jghaddi f'kull kaz minn meta l-persuna jigi akkuzat b'reat kriminali jew, fit-termini iktar wiesa' tal-Konvenzjoni, meta l-persuna tigi arrestata jew investigata in konnessjoni ma' xi reat kriminali[5].

21. Konformament, il-Qorti ma tqisx bhala korretta s-sottomissjoni tar-rikorrent illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tqis l-*iter* kollu tal-proceduri tal-kumpilazzjoni kompjut sal-lum fid-determinazzjoni tal-ilment dwar id-dewmien irragonevoli anke jekk l-ilment huwa limitat ghad-dewmien biex titressaq ix-xhud Inge Delfosse. Kellha ragun ghalhekk l-ewwel Qorti meta, wara li gharfet li "*t-termini tar-referenza huma limitati ghar-rigward tad-dewmien sabiex titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja ix-xhud Inge Delfosse, u mhux it-tul li qieghda tiehu l-kumpilazzjoni tax-xhieda fl-intier taghha*", ghaddiet biex tanalizza l-*iter* tal-process kollu quddiem l-istess qorti referenti.

[5] Q.E.D.B: ***Merit v Ukraine***, Appl.6656/01, 30 June 2004.

22. Jigi osservat illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti kkonstatat illi kien hemm dewmien mhux ragonevoli fil-proceduri tal-kumpilazzjoni, attribwibbli b'mod generali lill-agir tal-Avukat Generali. Din il-Qorti tosserva wkoll fir-rigward, li kuntrarjament ghal dak li sostna l-appellant, jirrizulta li l-ewwel Qorti tabilhaqq indirizzat il-kriterji kollha relevanti fil-qies tad-dewmien, u kkunsidrat kemm il-fatt li d-dewmien biex titressaq l-ahhar xhud mhuwiex marbut mal-kumplessita` tal-kaz, kif ukoll l-imgieba processwali taz-zewg partjiet u n-nuqqas ta' setgha tal-Qorti Istruttorja li tiddikjara maghluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Tant hu hekk li kien proprju wara li qieset dawn il-fatturi kollha li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li, tenut kont li r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti Struttorja f'Dicembru 2012 u l-prosekuzjoni ghadha sal-lum ma ressqitx il-provi kollha taghha, il-proceduri twalu zzejjed.

23. Biex jigi indirizzat l-ilment tal-appellant li fil-qies tad-dewmien fil-proceduri tal-kumpilazzjoni, l-ewwel Qorti ma messhiex hadet in konsiderazzjoni l-perijodu li lahaq ghadda wara li saret ir-referenza kostituzzjonali odjerna, ghaliex il-Qorti riferenti qieghda tistenna l-ezitu tar-referenza, jinghad illi dan l-argument huwa bla siwi. Huwa evidenti li l-appellanti qieghed iqis li l-fatt li saret ir-referenza proprju dwar id-dewmien biex titressaq l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni, bhala skuza biex itawwal il-produzzjoni tal-ahhar xhud in kwistjoni. Huwa infondat l-

argument li z-zmien li jghaddi waqt li l-process kriminali qieghed jistenna l-ezitu tar-referenza kostituzzjonali ma ghandux jghodd fil-qies tad-dewmien *multo magis* f'dan il-kaz fejn il-mertu tar-referenza huwa appuntu l-kwistjoni ta' dewmien mhux ragonevoli fit-tkomplija tal-istess process kriminali. Ma jirrizultax li l-appellant huwa b'xi mod prekluz milli jkompli jaghmel dawk il-verifiki dwar din ix-xhud pendenti l-ezitu ta' din ir-referenza: pjuttost, hija l-fehma ta' din il-Qorti li jinkombi fuq l-appellant oneru iktar gravi li jibqa' jaghmel minn kollox biex iressaq ix-xhud biex tixhed fil-kumpilazzjoni u mhux ihalli kollox fuq l-ixkaffa u jkompli jikkontribwixxi proprju ghad-dewmien fl-istess proceduri kriminali.

24. Maghdud il-konsiderazzjonijiet fuq maghmulin, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata rigward id-dewmien generali biex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha - li maghhom din il-Qorti taqbel pjenament - m'hemmx dubju li z-zmien li lahaq ghadda mill-bidu tal-process kriminali sakemm il-prosekuzzjoni finalment iddecidiet li tara kif ser tressaq l-ahhar xhud taghha, huwa diga` wiehed eccessiv mehud qies tal-fatturi kollha kkunsidrati mill-ewwel Qorti fil-qafas tad-dewmien. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis li d-decizjoni fis-sentenza appellata li t-trapass ta' zmien bejn Dicembru 2012 sal-lum biex il-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha "*huwa zmien twil izzejjed u certament mhux ragonevoli sabiex jigu konkluzi dawn il-provi*".

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju*

26. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ddecidiet *extra petita* ghaliex fid-*decide* ma rrispondietx biss ghal dak mitlub mill-Qorti riferenti izda marret oltre meta osservat illi l-ksur ser jibqa' jissussisti sakemm il-prosekuzzjoni taghmel dak kollu li ghandha taghmel sabiex jew tottjeni d-depozizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibbli jew taghlaq l-istadju tal-provi taghha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit.

27. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li hu evidenti li l-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent li l-ewwel Qorti giet mitluba tippronunzja ruhha dwaru, huwa dak naxxenti mid-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni, Inge Delfosse, biex tixhed fil-proceduri kontra r-rikorrent. Izda kif fuq premess, sabiex dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha hija necessarjament u korrettament hadet in konsiderazzjoni l-*iter* processwali kollu sal-istadju li waslu fih il-proceduri kriminali, u waslet ghall-konkluzjoni gusta li dan in-nuqqas tal-prosekuzjoni qed iwassal ghall-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent. Ghalhekk ghandu jkun manifest li jekk l-prosekuzzjoni tibqa' tonqos milli taghlaq

mill-aktar fis il-provi taghha l-lezjoni tkompli tissokta, u allura kien id-dmir ta' dik il-Qorti li fid-*decide* taghha tissenjala li jekk dan jithalla jsir mill-Qorti tal-Magistrati l-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett mill-artikoli precitati ser tissokta. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **il-Pulizija vs Philip Borg[6]:**

> "Din il-Qorti taqbel ……. li f'talba għal riferenza l-kompitu ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huwa biss biex twieġeb id-domanda magħmula mill-qorti riferenti iżda dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha relevanti għal risposta sħiħa għad-domanda magħmula."

28. Sahansitra fis-sentenza **Malcolm Said v. Avukat Ġenerali** mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016, citata fis-sentenza fuq imsemmija, din il-qorti rribadiet il-principju li:

> "… … ... din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura…"

29. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra legalment insostenibbli l-argument tal-appellant li l-ewwel Qorti marret *extra petita* meta, wara li rriskontrat il-lezjoni, issenjalat li sabiex titwaqqaf dik il-lezjoni, ir-rimedju indikat minn dik il-Qorti huwa konsegwenza logika u necessarja sabiex titwaqqaf il-lezjoni riskontrata.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

---

[6] Referenza Kostituzzjonali nru 21/2016 deciz 13 Frar 2017;

Decide

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex jitkomplew il-proceduri kriminali.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm